MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Numru 884/2009

Il-Pulizija
(Spettur Tony Cachia)

vs

Joseph Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat ta’ karta ta’ identita’ numru 738058(M), talli:

1. fis-27 ta’ Awissu 2009, ghal habta tas-6.00pm fi Triq l-Imdina, Zebbug, ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ Gwardjan Lokali Sandro Muscat, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfuwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, attakka jew irrezista bi vjolenza gwardjan lokali u cioe' Sandro Muscat waqt il-qadi ta' dmirijietu taht l-att dwar il-Gwadjani Privati Lokali Kap 389;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Sandro Muscat persuna meqjusa bhala ufficjal pubbliku skond kif iccertifika Dr Victor Buhagiar mic-Centru tas-Sahha ta' Floriana;

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi skond l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 ghas-sigurta' ta' Sandro Muscat u skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tohrog ordni ta' protezzjoni tal-persuna offiza u cioe' ta' Sandro Muscat minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Il-kawza titratta incident li avverra ruhhu fis-27 ta' Awissu 2009 waqt li twaqqaf l-akkuzat minn gwadjan lokali minhabba, hu allegat, li l-akkuzat kellu t-telefon cellulari ma widnejh waqt li kien qieghed isuq. Il-gwardjan lokali, l-parti leza f'din il-kawza, allega li l-akkuzat ittanta jhebb ghalih tant li kkawzalu griehi ta' natura hafifa, oltre li heddu. Bhala fatt mhux kontrastat jirrisulta li: fil-gurnata u hin specifikati fl-akkuza l-akkuzat twaqqaf mill-gwardjan

lokali, gew skambjati xi kliem li huwa zgur ma kienux ta' kortesija bejniethom, l-akkuzat saq, rega izda dawwar biex jirrimonstra l-ilmenti tieghu lill-gwardjan biex dan jirtira t-tahrika li kien ser jaghmillu minhabba c-cellulari. Dawn huma l-fatti li taw zfog ghall-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat liema akkuzi jippotizzaw r-reat ta' "ingurji u theddid kontra ufficjali pubbici", ta' "attack jew resistenza", ta' "resistenza u vjolenza kontra gwardjan lokali", li ikkaguna lill-gwardjan lokali offiza ta' natura hafifa.

Illi l-versjoni rispettiva ta' dak li verament issuccieda f'dan l-incident huwa djametrikalment oppost. Minn naha l-wahda l-gwardjan lokali jghid li meta waqqaf lill-akkuzat u staqsieh ghall-karta tal-identita' jew il-licenzja l-akkuzat qallu "ghadhom kif cempluli li t-tifel kellu attakk" u hu irrispondih li ma kienx ser idewmu u l-akkuzat wiegbu "mela ghamel li …..trid". Mumenti wara l-akkuzat saq izda dar mar-'roundabout', waqaf quddiemu, u hemmhekk, jghid il-gwardjan lokali, li gie mhedded, imbuttat u insulentat. Ikkonferma li hawnhekk waqfet vettura u niezlet persuna. Minn naha l-ohra l-akkuzat sostna li kien il-gwardjan lokali li agixxa b'mod aggressiv, tmasshan mieghu u ma ridtx jisma raguni.

Illi fid-dawl tal-versjonijiet kontrastanti il-Qorti jkollha necessarjament iddur fuq ix-xhieda tal-persuna li waqfet li stqarret li kienet waqfet billi dehrilha li l-protagonisti f'dan l-incident kienu ser jiggieldu. Jghid dan ix-xhud li kien l-gwardjan lokali li beda jirrejagixxi u jirrabja. F'silta mix-xhieda tieghu jghid li l-gwardjan lokali beda jaghmel ghas-sinjur (ossija l-akkuzat) "ma hallejtux u dan imbaghad nizel minn gol-van u bdew jirragunaw, speci jikkustinjaw it-tnejn. Quddiemi glied ma kienx hemm, la glied fiziku u lanqas glied bil-kliem". Kwindi dan ix-xhud kwazi ma jissufragax l-ebda wahda mill-versjonijiet tal-kontendenti, pjutost pero', jiskolpa lill-akkuzat ghal ta' lanqas mill-akkuzi dedotti skond it-tahrika inkluza dik specifikata taht il-Kap 369 ossija l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali.

Mill-bqija l-akkuzi ma jirrisultawx u dan indipendentement mill-punt jekk gwardjan lokali huwiex fil-fatt ufficjal pubbliku li fil-fehma ta' din il-Qorti mhux il-kaz.

Konsegwentement tillibera lill-imputat minn kull piena u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------